MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI)
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**SCIBERRAS PHILIP LL.D.**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Appell Civili Numru. 1539/1999/1

**Miller Distributors Limited**

**vs**

**Multi Toys Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Marzu, 2001 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti,*

*Rat il-avviz fuq indikat datat il-25 t'Ottubru ta' l-1999 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:*

*1. Thallas is-somma ta' tlett mija u tmienja u erbghin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu, (LM348.89,0),*

*rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lilha mis-socjeta' attrici;*

*2. Bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja u bl-ispejjes, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 7 ta' Settembru, 1999, kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni;*

*Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-20 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:*

*1. illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-merkanzija in kwistjoni li ghaliha saret referenza fl-avviz kienet inghatat lura lis-socjeta' attrici bil-kunsens taghha, bil-konsegwenza li ma hemm l-ebda ammont dovut fil-konfront ta' l-istess socjeta' attrici;*

*2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;*

*Semghet ix-xhieda prodotta;*

*Ezaminat id-dokumenti esebiti;*

*Ikkonsidrat:*

*Illi l-vertenza odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:*

*1. Illi s-socjeta' konvenuta kienet tiggestixxi hanut il-Mosta u kient tixtri gazzetti u perjodici mis-socjeta' attrici;*

*2. Illi din ir-relazzjoni bejn il-partijiet waqfet f'Ottubru ta' l-1998;*

*3. Illi f'Novembru ta' l-istess sena indikata fil-paragrafu precedenti l-hanut fuq indikat gie mikri mis-socejta' konvenuta lil certu Alfin Monsigneur;*

*4. Illi wara li s-socjeta' attrici ikkalkolat l-ammonti li kienu ghadhom dovuti lilha mis-socjeta' konvenuta, jirrizulta li kien Alfin Monsigneur li ghamel tajjeb ghal dan;*

*5. Illi sussegwentement jirrizulta wkoll li ntbaghtu xi "returns" lis-socjeta' attrici kemm mis-socjeta' konvenuta kif ukoll mill-gestur il-gdid tal-hanut de quo li kienu gew erroneament akkreditati f'kont wiehed mis-socjeta' attrici;*

*6. Illi meta dan l-izbal kien realizzat kien gie immedjatament rettifikat billi gew identifikati r-"returns" separati tas-socjeta' konvenuta u ta' l-imsemmi Monsigneur u l-kreditu rizultanti gie ittrasferit ghal kont gdid;*

*7. Illi in konsegwenza ta' dan l-analizi, il-bilanc meritu ta' din il-procedura jirrizulta li kien dovut mis-socjeta' konvenuta stante li kien jirrigwarda l-perjodu ta' qabel Ottubru ta' l-1998;*

*8. Illi s-socjeta' konvenuta kienet debitament informata b'dan izda baqghet inadempjenti;*

*Ikkonsidrat:*

*Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta' attrici pprovat il-kaz taghha skond il-ligi u konsegwentement tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez."*

Is-socjeta' konvenuta appellat minn din is-sentenza bl-aggravju li ma sarx da parte ta' l-ewwel Qorti apprezzament xieraq tal-fatti. Hi ssostni illi s-socjeta' appellata kienet thallset ghall-fatturi kollha dovuti minnha tant li r-rapprezentant ta' l-istess socjeta', li ssuplixxilha l-magazines u gazzetti ghall-hanut taghha fil-Mosta, kien iddikjara li s-socjeta' tieghu ma kellha l-ebda pretensjoni fil-konfront taghha.

Is-socjeta' appellata ipproduciet bhala xhud uniku taghha lil Charles Caligari (fol 25) li in sintesi hekk iddepona:

(i) Is-socjeta' konvenuta waqfet tahdem maghna f'Ottubru 1998, u flokha fil-hanut dahal certu Alfin Monsigneur;
(ii) Wara li giet ikkuntattjata s-socjeta' konvenuta u nhadem il-kont kien hallasna l-imsemmi Monsigneur f'Novembru 1998;
(iii) Ir-'returns' tal-magazines u gurnali li ntbaghtulhom kemm mill-imsemmi Monsigneur kif ukoll mis-socjeta' konvenuta gew akkreditati f'kont wiehed. Meta ndunajna bl-izball saret ir-rattifika, u l-kreditu gie trasferit ghal kont gdid;
(iv) B'hekk gie li kien ghad fadal bilanc dovut mis-socjeta' konvenuta li kien jirrigwarda l-perijodu Ottubru 1998 u returns antiki.
(v) L-istatement tal-kont qatt ma ntbaghat lis-socjeta' konvenuta ghal verifiki taghha.

Jirrizulta wkoll bhala element ta' prova illi sas-26 ta' Settembru 1998 is-socjeta' konvenuta kienet hallset kollox. Ara ittra tal-Avukat tas-socjeta' attrici esebita a fol 29. Dan jikkombacja ma' dak ammess minn Lawrence Hili (fol 34) impjegat tas-socjeta' konvenuta: "*Ix-xahar ta' qabel, taghna kien imhallas*".

Biex wiehed jikkompleta l-kwadru tal-fatti nsibu li kemm l-imsemmi Lawrence Hili (fol 35) kif ukolll Pierre Falzon (fol 32), direttur tas-socjeta' konvenuta, jikkonfermaw illi din is-socjeta' ma ghandha taghti xejn lis-socjeta' attrici.

Fuq l-evalwazzjoni ta' dawn il-provi l-ewwel Qorti kkonkludiet illi l-bilanc reklamat "*jirrizulta li kien dovut mis-socjeta' konvenuta stante li kien jirrigwarda l-perjodu ta' qabel Ottubru ta' l-1998".* Din il-Qorti hi ferm perplessa dwar din il-konkluzjoni, fid-dawl tal-provi processwali.

Issa apparti l-apprezzament tal-provi u l-attendibilita' tal-verzjonijiet reciproci tal-kontendenti, hemm dan l-aspett ta' dritt li jrid jigi puntwalizzat.

Intqal fid-decizjoni fl-ismijiet "**Manuel Zerafa –vs- Nazzareno Muscat Scerri**", Prim'Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 27 ta' Mejju 1970 illi

"*bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili l-Qorti tirritjeni li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le dan id-dubju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi inkombenti rispettivament lilhom, cioe' l-attur l-esigibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa dejjem jimpera l-principju "actore non probante reus absolvitur". L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor "reus in excipiendo fit actor", ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali tal-akkuza jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu*."

It-taghlim f'din is-sentenza juri li l-oneru tal-prova hu mixhut fuq il-kreditur f'dawk il-kazijiet biss fejn jigi muri li l-prova tal-pagament tkun sodisfatta lil hinn mid-dubju ragjonevoli. Tali prova mhux necessarjament tirrikjedi dejjem u bilfors il-prova tar-ricevuta. Dan ghaliex mhux eskluz li l-prova ta' hlas issir mod iehor ("**Joe Chetcuti et –vs- Joseph Pearson et noe**") Appell, 5 ta' Ottubru 1998).

Dejjem pero' jinkombi fuq min jallega l-ezistenza tal-kreditu illi dan ikun fl-ewwel lok ipprovat a pjena sodisfazzjoni u b'mod univoku u konvincenti.

Fil-kaz de quo, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, tali prova ma saretx u, anzi, jezisti dubju serju dwar l-esigibilita' reklamata. Dan ghaliex jinsab konfessat fl-ittra esebita a fol 29 li s-socjeta' apellanti kienet hallset kollox sa Settembru 1998, u inoltre, kif ammess minn Charles Caligari, wara li nhadem il-kontegg, kien hallas it-terz li ssubentra fil-gestjoni tal-hanut f'Novembru 1998. Dan wara li s-socjeta' konvenuta waqqfet l-attivita' gestjonali taghha f'dan l-istess hanut f'Ottubru 1998. Wiehed

necessarjament jifhem mix-xhieda ta’ Charles Caligari li l-hlas li sar mit-terz, li kien ghadu qed jirranga l-hanut f’Novembru 1998 (deposizzjoni ta’ Charles Caligari) sar biex jissalda u jissodisfa l-kontijiet anterjuri.

L-artikolu 1148 (2) tal-Kodici Civili jipprovdi f’dan il-kuntest illi “*l-obbligazzjoni tista’ wkoll tigi mitmuma bil-hlas maghmul minn terza persuna li ma jkolliex interess fiha, basta li din il-persuna tagixxi fl-isem u ghal-helsien tad-debitur … …*” (**Vol XLIX pII p681**).

Mill-analizi tal-provi akkwiziti, u bhala punt ta’ ligi, l-Qorti ma ssibx fuq il-bilanc tal-probalita illi s-socjeta’ attrici rnexxielha ggib prova rassikuranti, soda u soddisfacenti ghal konvinciment ta’ din il-Qorti. Anzi l-unika prova prodotta minnha ma teliminax id-dubju serju insort dwar kemm tabilhaqq il-kreditu tassew jezisti. F’kull kaz id-dizimpenn tal-oneru li l-ligi timponi fuqha ma giex univokament raggunt.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata revokata. Konsegwentement it-talba attrici dedotta kontra s-socjeta’ konvenuta qed tigi respinta. L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jithallsu mis-socjeta’ attrici appellata.

Dep/Reg
cb